**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Baġits*

**2023/2063(INI)**

15.2.2024

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika 2024 (2023/2063(INI))

Rapporteur għal opinjoni(*): Margarida Marques

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta’ Proċedura



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja l-prospettiva ekonomika u soċjali inċerta tal-UE kawża tal-impatt dejjiemi tal-pandemija tal-COVID-19, il-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-inflazzjoni flimkien mal-kriżijiet tal-enerġija u l-għoli tal-ħajja; jinnota li l-ekonomija tal-Unjoni hija mistennija tirkupra gradwalment fl-2024, bi tbassir ta' tkabbir ta' 1,3 % tal-PDG u suq tax-xogħol ġeneralment robust; jirrimarka, madankollu, dwar id-diversi sfidi u inċertezzi li jqiegħdu pressjoni fuq in-negozji, il-finanzi pubbliċi, il-politiki soċjali u tal-assistenza soċjali pubbliċi u ċ-ċittadini Ewropej, u jaffettwaw lil xi Stati Membri aktar minn oħrajn; jinsab imħasseb li l-livell ta' inflazzjoni huwa mistenni li jibqa' sostanzjalment ogħla minn 2 % fl-2024, bi 3,5 %; huwa partikolarment imħasseb dwar l-impatt kontinwu tal-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni fuq is-saħħa tal-infiq tal-unitajiet domestiċi, li jirriżultaw f'aktar riskju ta' faqar għal ħafna Ewropej, kif ukoll fuq l-abbiltà tal-kumpaniji tal-UE li jiżvolġu n-negozju tagħhom;

2. Jenfasizza li l-qafas attwali ta' governanza ekonomika tal-UE wera li huwa inadegwat biex jindirizza l-isfidi tal-passat u attwali u li hemm bżonn reviżjoni b'mod urġenti; jieħu nota tar-riforma proposta dwar il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni; jemmen li l-qafas il-ġdid għandu jiżgura implimentazzjoni ċara, flessibbli u trasparenti, u jipprovdi l-ispazju fiskali adegwat għall-Istati Membri biex jimplimentaw riformi u investimenti li jtejbu t-tkabbir u li jkunu soċjalment ġusti, jagħmel l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom iktar reżiljenti, sikuri, siguri, sostenibbli, ġusti u inklużivi kif ukoll jinvestu fil-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, b'mod partikolari fit-tranżizzjoni doppja, il-politiki soċjali, id-difiża u s-sigurtà tal-ikel; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li strument permanenti għall-kriżijiet fil-livell tal-UE, lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), se jikkontribwixxi biex jiżgura livell għoli biżżejjed ta' investiment strateġiku u pożizzjoni fiskali xierqa fil-livell aggregat, u biex tiżdied t-tħejjija tal-Unjoni li tirreaġixxi malajr għal kriżijiet kontinwi u futuri, u l-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom;

3 Ifakkar li r-rispett għall-istat tad-dritt jiggarantixxi iktar ġustizzja, ugwaljanza u stabbiltà ekonomika; jissottolinja l-importanza tal-konformità mal-istat tad-dritt u r-reġim ġenerali tal-kundizzjonalità; ifakkar li l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra ksur potenzjali tal-istat tad-dritt hija prerekwiżit fundamentali għall-aċċess għall-fond, bħalma hi l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ, awditjar u infurzar għall-fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari sabiex jiġu evitati l-użu ħażin, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess u tiġi żgurata t-trasparenza; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li ma jkun hemm l-ebda rigress fil-kisbiet fl-istat tad-dritt;

4. Jirrikonoxxi li NextGenerationEU (NGEU), b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), u l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) urew is-suċċessi u l-effettività tagħhom fl-appoġġ tal-irkupru tal-ekonomiji tal-UE u fil-kontribut għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika u r-reżiljenza madwar l-UE; jinnota,

barra minn hekk, l-impatt pożittiv tagħhom fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u fuq l-investimenti fil-prijoritajiet tal-UE; jilqa' l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ppreżentaw pjanijiet nazzjonali riveduti, inklużi l-kapitoli tar-REPowerEU; jilqa' l-istima tal-Kummissjoni li l-implimentazzjoni sħiħa tal-istadji importanti u l-miri kwantifikabbli ffinanzjati mill-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU sa tmiem l-2026 għandha l-potenzjal li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'44 miljun tunnellata fis-sena; jisħaq li l-istadji importanti u l-miri jridu jintlaħqu biex il-pjanijiet nazzjonali jiġu implimentati b'suċċess u b'mod effettiv; jisħaq li l-investimenti f'konformità mal-objettivi Ewropej, b'mod partikolari dawk tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tar-REPowerEU, għandhom jitqiesu b'mod favorevoli meta jiġu deċiżi l-estensjonijiet għall-Istati Membri biex jissottomettu l-pjanijiet fiskali tagħhom;

5. Ifakkar fil-ħtieġa li jitqiesu l-effetti finanzjarji u ekonomiċi partikolari tal-gwerra fl-Ukrajna, speċjalment fuq il-pajjiżi l-aktar esposti u jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa;

6. Jissottolinja l-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar tal-politika u għal aktar dimensjonijiet soċjali u edukattivi fil-qafas tas-Semestru Ewropew; jissottolinja, barra minn hekk, li se jkunu meħtieġa investimenti pubbliċi sinifikanti biex jiġi appoġġjat irkupru sostenibbli, ġust u inklużiv fl-UE, biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-enerġija u biex ikun hemm konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq sabiex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-UE; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtiġijiet konsiderevoli għall-investiment pubbliku u privat biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, stmati mill-Kummissjoni għal aktar minn EUR 450 biljun f'investimenti kull sena, u biex tiġi promossa d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji; jissottolinja li l-proċess tas-Semestru Ewropew għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri;

7. Ifakkar li ż-żieda sostanzjali fir-rati tal-imgħax żiedet l-ispejjeż tas-self għall-Istrument Ewropew għall-Irkupru (EURI); jitlob, għalhekk, soluzzjoni stabbli u prevedibbli għall-ħlas lura tal-kostijiet tas-self tal-EURI, lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, sabiex il-programmi tal-UE jiġu protetti minn tnaqqis; jinsisti bil-qawwa fuq l-introduzzjoni rapida ta' riżorsi proprji ġodda ġenwini, adegwati u effettivi, b'mod partikolari dawk maqbula fil-pjan direzzjonali legalment vinkolanti stabbilit skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[1], bħal taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u kontribuzzjoni finanzjarja marbuta mas-settur korporattiv jew bażi komuni ġdida għat-taxxa korporattiva; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti addizzjonali għal riżorsi proprji ġenwini;

8. Jitlob li l-Parlament Ewropew ikun involut bis-sħiħ fir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika u fit-tmexxija futura tal-governanza ekonomika fl-UE, inkluż fit-twaqqif u fil-ġestjoni ta' strumenti fiskali; ifakkar li r-rwol tiegħu fis-Semestru Ewropew għandu jissaħħaħ b'mod sinifikanti.

[1] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 14.2.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 4<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Andor Deli, José Manuel Fernandes, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Hervé Juvin, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Camilla Laureti, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Eva Maria Poptcheva, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Angelika Winzig |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Anna-Michelle Asimakopoulou, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Jan Olbrycht, Grzegorz Tobiszowski, Roberts Zīle |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Michael Gahler, Thijs Reuten, Maria Veronica Rossi, Pedro Silva Pereira |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 24 | + |
|---|---|
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, José Manuel Fernandes, Michael Gahler, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Eleni Stavrou, Angelika Winzig |
| Renew | Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Moritz Körner, Eva Maria Poptcheva, Nils Torvalds |
| S&D | Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Camilla Laureti, Thijs Reuten, Pedro Silva Pereira, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Alexandra Geese |

| 4 | - |
|---|---|
| ID | Joachim Kuhs |
| NI | Andor Deli, Hervé Juvin, Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ECR | Bogdan Rzońca, Grzegorz Tobiszowski, Roberts Zīle |
| ID | Maria Veronica Rossi |
| PPE | Niclas Herbst |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni